MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 198/2009

HSBC Bank Malta p.l.c.
vs
Malta Innovation Software Limited (C38516)
Innovia Tech S.p.a., socjetà taljana bin-numru ta' registrazzjoni 1084875

Marco Piermarini (Numru tal-Passaport Taljan AM 6056819)

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-bank rikorrent li bih espona:

1. Illi l-Bank attur huwa kreditur tal-konvenuti kollha in solidum fis-somma komplessiva ta' tlett mija tmienja u erbghin elf mitejn u hamsa u tmenin Euro u erbatax-il cent (€348,285.14) oltre imghax dovut mill-konvenut Malta Innovation Software Ltd fis-somma ta' tliet mija u sitta u tmenin Euro u tmienja u disghin cent (€386.98) oltre

imghaxijiet bit-8% mit-23 ta' Frar 2009 sad-data tal-pagament effettiv, u imghax dovut mill-konvenuti l-ohra Innovia Tech Spa u Marco Piermarini bit-8% mis-26 ta' Mejju 2008 sad-data tal-hlas finali;

2. Illi dan id-dejn origina in virtue` ta''facilita bankarja` li l-Bank attur avvanza u ikkonceda lil Malta Innovation Software Limited bhala debitur principali u ghal liema facilitajiet il-konvenuti l-ohra Innovia Tech S.p.a. u Marco Piermarini ikkostitwew ruhhom bhala garanti solidali favur l-istess Bank attur biex jikkawtelaw dan il-kreditu kif jirrizulta ahjar minn kuntratt ta' l-10 ta' Ottubru 2006 fl-atti tan-Nutar Ian Spiteri u zewg garanziji personali moghtija mill-konvenuti Innovia Tech S.p.a. u Marco Piermarini rispettivament fis-7 ta' Settembru 2006, kif jirrizulta mill-garanziji annessi mar-rikors;

3. Illi ghalkemm il-konvenuti gew debitament interpellati sabiex ihallsu dan id-dejn dovut, huma baqghu inadempjenti;

4. Illi fil-fehma tal-Bank attur dan id-dejn huwa veru, cert, likwidu u dovut u fil-fehma tieghu l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu ghat-talba ta' hlas tal-Bank attur;

5. Illi ghalhekk dan jaghti d-dritt lill-Bank attur sabiex jipprocedi kontra l-intimati bi proceduriment sommarju specjali kif provdut fl-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif fil-fatt qed taghmel;

Il-bank rikorrent talab lill-Qorti:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur ta' l-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u;

2. Tikkundannahom solidalment ihallsu lill-Bank attur is-somma ta' tlett mija tmienja u erbghin elf mitejn u hamsa u tmenin Euro u erbatax-il cent (€348,285.14) oltre imghax dovut mill-konvenut Malta Innovation Software Ltd fis-somma ta' tliet mija u sitta u tmenin Euro u tmienja u

disghin cent (€386.98) oltre imghaxijiet bit-8% mit-23 ta' Frar 2009 sad-data tal-pagament effettiv, u imghax dovut mill-konvenuti l-ohra Innovia Tech Spa u Marco Piermarini bit-8% mis-26 ta' Mejju 2008 sad-data tal-hlas finali, dan kollu in segwitu ta' facilitajiet bankarji koncessi lil Malta Innovation Software Limited u ghal-liema facilitajiet u ammonti avvanzati l-konvenuti l-ohra Innovia Tech S.p.a. u Marco Piermarini huma flimkien u solidalment responsabbli bhala garanti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti in subizzjoni, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali tal-21 ta' Novembru 2008 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**
Rat li l-intimati debitament notifikati skond il-ligi ma dehrux ghas-seduta tal-lum u ma deher hadd ghalihom.

**C. KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk it-talbiet tal-bank rikorrent jirrizultaw ippruvati, u l-Qorti filwaqt li qed tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur ta' l-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tilqa' l-istess talba u tikkundanna lill-intimati solidalment ihallsu lill-Bank rikorrenti s-somma ta' tlett mija tmienja u erbghin elf mitejn u hamsa u tmenin Euro u erbatax-il cent (€348,285.14) oltre imghax dovut mill-intimat Malta Innovation Software Ltd fis-somma ta' tliet mija u sitta u tmenin Euro u tmienja u disghin cent (€386.98) oltre imghaxijiet bit-8% mit-23 ta' Frar 2009 sad-data tal-pagament effettiv, u imghax dovut mill-intimati l-ohra Innovia Tech Spa u Marco Piermarini bit-8% mis-26 ta' Mejju 2008 sad-data tal-hlas finali, dan kollu in segwitu ta' facilitajiet bankarji koncessi lil Malta Innovation Software Limited u ghal-liema facilitajiet u ammonti avvanzati l-

intimati l-ohra Innovia Tech S.p.a. u Marco Piermarini huma flimkien u solidalment responsabbli bhala garanti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali tal-21 ta' Novembru 2008 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------